The Raoul Follereau Foundation (Malta) - The Order of Charity
is a registered NGO [No. VO/0980]
administered by the
Grand Priory of the Maltese Islands
of the
Military and Hospitaller Order of Saint Lazarus of Jerusalem

June 2016

RAOUL FOLLEREAU FOUNDATION (MALTA): NGO NO. VO/0980

# Order of Charity Newsletter

## EDITORJAL

### MEMBRU TAGĦNA JAĦDEM MAL-LEBBRUŻI

"Kull m'għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu għamiltuh miegħi." Aħna lkoll nixtiequ nwettqu dan il-kliem ta' Ġesù billi naħdmu għal dawk ħutna li huma morda bil-lebbra. Għal ħafna raġunijiet, mhux kulħadd jista' jmur jaħdem magħhom, għalkemm ngħinuhom mod ieħor. Iżda f'din is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, wieħed mill-membri tal-Ordni ta' San Lazzru offra li din is-sena jmur jaħdem qalb il-lebbrużi fl-Etijopja. Horatio Vella u martu Vivienne ġew aċċettati mill-Isqof tal-post u mis-Superjura tas-sorijiet ta' Mother Theresa li jaħdmu mal-morda tal-lebbra. Huma se jmorru jagħmlu din il-missjoni għal tliet ġimgħat mill-11 tal-31 ta' Lulju ta' din is-sena.

Huma se jirrappreżentaw lill-Ordni ta' San Lazzru kif ukoll l-Ordni tal-Karità li l-missjoni tagħna dejjem kienet li ngħinu lil dawk morda bil-lebbra. Minbarra li se jħallsu għall-vjaġġ bl-ajruplan u għall-akkomodazzjoni, huma ġew mitluba biex jieħdu magħhom erba' bagalji mimlija bil-mediċini u somma ta' €4,000 għal din il-missjoni. Parti minn dawn il-flus jintefqu fl-ikel li dawn il-lebbrużi jkollhom bżonn.

Aħna se nħallsu parti sostanzjali minn din is-somma iżda qed nagħmel appell biex min jixtieq jgħin, jibgħat id-donazzjoni tiegħu bħas-soltu fl-indirizz tal-Ordni tal-Karità, Istitut Kattoliku, Floriana. Fuq l-envelop iktbu l-kliem: "Lebbrużi tal-Etijopja". Aħna nibgħatu rċevuta għal kull donazzjoni. Meta jiġu lura Malta, is-Sinjuri Vella għandhom jagħtuna dettalji u ritratti tax-xogħol tagħhom qalb il-lebbrużi tal-Etijopja.

Vivienne Vella bagħtitilna rapport tax-xogħol li kienet għamlet fil-missjoni fis-sena 1980. Dan ir-rapport tal-esperjenzi tagħha ssibuh f'Paġna...... Min-naħa tagħna aħna nixtiequ nagħmlu kuraġġ lilha u lil żewġha, nitolbu għalihom u nifirħulhom għall-kuraġġ kbir tagħhom. Jalla kollox imur tajjeb u jiġu lura qawwijin u sħaħ.

Chev. Tony C. Cutajar

## THE ORDER OF CHARITY ADMINISTRATION

**President (ex-officio): Chev. Prof. Charles Savona Ventura**
**Honorary Chairman: Chev. Dr. Jaime H. Cremona**
**Principal Administrator & Treasurer: Chev. Dr. Joseph Galea**
**Hospitaller: Chev. Dr. Joseph Debono**
**Assistant Administrator: Confrere Lino Pace Taliana**
**Newsletter Administrator & Editor: Confrere Ivan Portelli**

## Inside this issue:

| | |
|---|---|
| Editorjal— Membru taghna jahdem mal-Lebruzi | 1 |
| Helping lepers in India & Ethiopia from Malta | 2 |
| …..cont page 2 | 3 |
| QUEEN ADAEZE ONAH SHOWS LEPERS LOVE AND SUPPORT ON WORLD LEPROSY DAY | 4 |
| The Leprosy Mission | 5 |
| Il-Lebbrużi: Missjoni b'Differenza | 6 |
| ITTRA MILL-MEDICAL MISSIONARIES OF MARY | 7 |

# *Helping Lepers in India and Ethiopia from Malta*

**Helping the lepers in India & Etihopia from Malta**

The Grand Commandery of the Castello (GCC), which is based in Castello Lanzun in Mensija, San Ġwann, and which is an ecumenical jurisdiction of the Military and Hospital Order of St Lazarus of Jerusalem, with Members hailing from different European countries and beyond, has been supporting two charities for



leprosy in India for the last few years, as well as supporting other projects in Ethiopia and Kazakhstan.

Women In Need (WIN) was founded by Leah Pattison and Usha Patil some eighteen years ago. They not only treat the discarded women of India for leprosy and AIDS, but also strive to rehabilitate them back with their husbands, children and families and into productive work after successful treatment.

The Grand Commandery has provided:

-An ambulance, including maintenance, for use by the WIN leprosy centre in Nagpur, India.

-Funding to establish a small but essential hospice in Dattapur.

-An auto rickshaw, or "Tuk Tuk", to WIN's shelter for homeless women in Dattapur.

-Funding to establish ten small businesses enabling women to earn a decent income from home whilst looking after their children.

More recently, the GCC has been supporting the Leprosy colony at Dattapur, the first such colony in India, and has provided:

-A workshop to manufacture sandals for leprosy sufferers.



-An ambulance for the colony.

-The Grand Commandery's Hospitaller visits India every year to see our projects at first hand.

For a full description of the work of the Order in support of WIN and the Dattapur

Leprosy Centre please see http://bit.ly/1Q3E9yv For more info about the Grand Commandery of the Castello, one may visit: http://grandcommanderymalta.org/



**Helping lepers in India & Etihopia from Malta**




## Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

# QUEEN ADAEZE ONAH SHOWS LEPERS LOVE AND SUPPORT ON WORLD LEPROSY DAY

HTTP://WWW.LEADERSHIP.NG/ENTERTAINMENT/497533/WORLD-LEPROSY-DAY-QUEEN-ADAEZE-ONAH-SHOWS-LOVE-LEPERS)

Miss ambassador for peace south-east 2015/2016, Queen Adaeze Onah reckoned that it's not enough to be a beauty queen and not touch the lives of people who really need hope.

In commemoration with the WORLD LEPROSY DAY which held on the 31st of January 2016, the south east queen carried out one of her pet projects "LEPROSY ERADICATION SUPPORT SCHEME" an initiative to support the lepers. This took place at the Oji river leprosy settlement, Oji river, Enugu state.

The south east beauty queen who hails from Enugu south LGA, Enugu state visited the lepers with her crew, making medical and charity donations to them. She spoke to them, saying that she has them at heart and they should eliminate every feeling of been deserted or being an outcast. She further spoke that they shouldn't loose hope as she will support them till the end.





She said in her speech to the media correspondents "in my bid to achieve peace, goodwill and charity, lovemust be extended to the less privileged in the society. I am on a humanitarian mission aimed at supporting The eradication of leprosy and it's causes. I am here today with my crew at the Oji river leprosy settlement in accordance with world leprosy day to visit the lepers and support them with medical and charity donations and I want the south east and Nigeria at large to support my initiative so that Nigeria can be totally free from leprosy because when there is good health there is peace"



The care taker of the lepers appreciated the queen for her effort in reaching out to them and supporting the eradication. One of the lepers told the reporter that he so overwhelmed to think that someone still has them at heart and that all his daily prayers would go to her.

## The Leprosy mission

HELPING HANDS hija parti mil-LEPROSY MISSION, għaqda Kristjana internazzjonali li ilha taħdem 140 sena għan-nies li jbatu bil-marda tal-lebbra. Hija tagħtihom kura speċjalista li tinkludi kirurġija li għandha x'taqsam mal-bini mill-ġdid tal-idejn li jkunu affettati mil-lebbra. L-għaqda tieħu ħsieb il-bżonnijiet fiżiċi, soċjali, spiritwali u psikoloġiċi ta' dawn in-nies. L-għan tal-għaqda hu li tagħti ħajja ġdida li kull min ikun infettat bil-marda permezz ta' servizzi u proġetti differenti li lesta toffri.

L-appoġġ li tagħti lill-eluf ta' nies madwar id-dinja huwa mistenni s-sena kollha fil-pajjiżi Afrikani u Asjatiċi. Il-familja tal-Mission Fund tinkludi popolazzjoni ta' 305 miljun ruħ f'madwar tletin pajjiż li huma infettati bil-lebbra. Bħala għaqda hija taħdem fi ħdax-il pajjiż li huma l-Bangladesh, L-Etijopja, l-Indja, il-Możambique, Myanmar, in-Nepal, in-Niġerja, in-Nofsinhar tas-Sudan, Sri Lanka u s-Sudan.

Il-lebbra hija marda tal-faqar, għalhekk minbarra li l-għaqda tieħu ħsieb il-kura meħtieġa, hija toffri wkoll riabilitazzjoni, edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali,u self ta' flus biex ikollhom djar, ilma, ħarsien tas-saħħa u xogħol produttiv. U dan kollu jsir lil għaxriet ta' eluf ta' persuni kull sena. Hija tipprovdi tama, saħħa mill-ġdid u li jkunu jistgħu jgħixu għal rashom. Hija ma tħarisx lejn ir-reliġjon u r-razza tagħhom għax temmen li kulħadd huwa ugwali u jeħtieġ ġustizzja soċjali.

***Fl-2014, 606 persuna affettata bil-lebbra ġew mogħtija mezzi ta' ortopedija fin-Niġerja.***

***Fl-2014, 1,182 persuna affettata bil-lebbra ngħataw il-kura fl-isptarijiet ta' Bangladesh.***

## Il-Lebbrużi: Missjoni b'Differenza - Vivienne Vella

Jien kelli diversi esperjenzi missjunarji volontarji fil-pajjiżi tat-tielet dinja, bejn l-1980 u l-1990, speċjalment matul is-snin li qattajt bħala Nursing Officer fis-sala M2 tal-Isptar San Luqa. Kelli lil Mrs Lucy Camilleri, Deputy N.O., li kienet tkompli x-xogħol fis-sala fl-assenza tiegħi. Dawn l-esperjenzi kienu jinkludu l-Indja, Burma u Thailand ma' Sr Frances Jaccarini. Dan kien fis-sena 1980. Hawn jien ksibt esperjenzi enormi li ħallew fuqi impatt qawwi għal għomri kollu.

Fl-aħħar Ħadd ta' Jannar niċċelebraw Jum il-Lebbra, li għal dawn l-aħħar sittin sena, bqajna niftakru finanzjarjament u nitolbu għal dawn ħutna milquta b'din il-marda kiefra. Raoul Follereau, bniedem franċiż, b'qalb tad-deheb, iħeġġiġna biex inneħħu kull stigma minn fuq kull bniedem bil-lebbra, u jingħata kull respett u dinjità li kull bniedem tixraqlu.

Esperjenza unika fil-kolonja tal-lebbrużi: le, ma qattajtx snin jew xhur, iżda ftit jiem fil-kolonja tal-lebbrużi ta Titigar fl-Indja. Minn hemm, jien nista' ngħid li ksibt tagħlim spiritwali profond! Kienet l-esperjenza tiegħi ta' xogħol volontarju u missjunarju fl-Indja fejn hemm wieħed isib kolonja sħiħa ta' bnedmin milquta mill-marda ferm krudila tal-lebbra.

Kien fis-sena 1980 meta jien u nfermiera Franċiża, it-tnejn li aħna, xtaqna li mmissu ftit mill-imrar li dawn il-povri ħutna kienu fih. Niftakar ċar qisu l-bieraħ, meta wasalna kien qrib nofsinnhar. Daħħluna ġo kamra li kienet bħal garaxx twil, twil u mudlam ħafna, peress li t-twieqi kienu 'l fuq u ftit jgħaddi dawl minnhom. L-irwejjaħ insapportabbli, li kważi tħossok qed taqta' nifsek, u d-dehra orribbli ta' dawn ħuti l-bnedmin, li kienu ħerġin minn dan l-ispeċi ta' garaxx, ngħid il-verità kexkxitni! Tfal, zgħażagħ, xjuħ u nies oħra fl-aħjar snin ta' ħajjithom, kollha milquta b'din il-marda krudila li ma taf taħfirha lil ħadd!

Din il-marda, maż-żmien, tisfigurak fil-veru sens tal-kelma, u tħallik imgerrxa u mwerwra minn nies kollha ta' madwarek għal għomrok, anzi, sa ma l-mewt tħenn għalik u tfittex tiġbrok mal-oħrajn bħallikieku msieken tort tagħhom! Sal-annu 2013, skont riċerka li saret, instab li hawn 189,018 lebbrużi fil-pajjiżi tat-tielet dinja, barra xi numru konsiderevoli li nstabu fl-Ewropa u forsi ħafna oħrajn li ħadd ma jaf bihom. Din il-marda tissejjaħ ukoll Hansen's Disease. Mhux kompitu tiegħi għal kollox li nispjega fid-dettall l'etjoloġija ta' din il-marda, iżda nista' ngħid xi ħaġa fil-qosor ħafna. Il-marda tal-lebbra hija infettiva ħafna u tista' tiġi trasmessa, l-aktar mid-demm, mill-feriti mikxufa, u minn xi likwidu li jista' joħroġ mill-ħalq kif ukoll mill-imnieħer u xi partijiet oħra fil-ġisem. L-incubation period tagħha hu ta' bejn it-tminn snin sa tnax-il sena. L-aħħar stadju ta' din il-marda hi meta fil-pazzjent jitfaċċaw feriti serji, l-biċċa l-kbira tal-għadam jittiekel u jisfigura l-bniedem għal kollox.

Aħna ġejna milqugħa bl-akbar ħlewwa u ġentilezza mill-brothers u s-sisters ta' Mother Theresa, kollha jġorru tbissima sinċiera li tgħamillek kuraġġ. Iżda jien x'kien ix-xogħol tiegħi?

L-ewwel ġurnata qgħaddna nduru u nitkellmu magħhom, u ninnutaw lis-Sisters jimmedikawhom bl-ikbar protezzjoni. Kemm stejjer ta' qsim il-qalb ħareġ minn fommhom! Altru trid tkun soda biex ma taqbislekx xi demgħa. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu qed jaħdmu fuq speċi ta' magni tal-insiġ. Veru ammirajthom jagħmlu użu bil-kumplament ta' xi ftit swaba jew biċċa id li kien għad fadlilhom! Ma tara l-ħadd jibki, iżda ċertament kważi kulħadd b'espressjoni vojta li, fil-verità, ma tantx hu faċli li tespremiha fil-kitba. Kollha, tista tgħid, kienu jifhmu u jitkellmu xi ftit bl-Ingliż. Il-lingwa tgħin ħafna fil-kommunikazzjoni magħhom.

Wasal il-waqt li nnaddfu mill-aħjar li nistgħu, u ninfaxxaw il-feriti aħna. Konna protetti ħafna. Qsamna xi tbissima wkoll. Wara tmajna xi wħud minn dawk li ma setgħu jagħmlu assolutament xejn b'idejhom. Imsieken, ma fadlilhomx swaba! Għinnihom jinħaslu wkoll fost tkexkix ta' bard li jaqbdek f'ġismek. O kemm ftakart u tlabt lil Fr Damien de Veuster, li kien eroj tal-lebbrużi fil-gżira ta' Molokai, biex jgħini. X'qalb nobbli, x'kuraġġ u x'imħabba

infinita kellu lejn ħutu l-bnedmin u lejn il-Mulej biex qatta' ħajtu jgħin u jfarraġ lil dawn il-povri ħutna fl-isbaħ żmien ta' ħajtu sa ma miet bl-istess marda tagħhom fl-età hekk tenera ta'49 sena. F'xi mumenti tħoss il-kuraġġ jonqoslok, avolja konna hemm għal ftit taż-żmien. Tajnihom bosta mediċini li kienu fis-suq dak iż-żmien li forsi setgħu jikkontrollaw din il-marda.

Jien kont ftehmt ma' mara minnhom, li kienet ilha ftit snin mhux ħażin tbati mill-marda tal-lebbra, filwaqt li tajtha xi aerograms bil-bolol lesti biex tibagħtli waħda f'sena. Komplejt ngħidilha "Patsy, jekk ma nirċevix, taf x'ifisser hux?" Hi mill-ewwel fehmitni. Għal sentejn bqajt nirċievi, iżda mhux iżjed. Kont assumejt li Patsy Saha, għax hekk kien jisimha, kienet mietet.

Omne principium sequitur finis (kull bidu għandu t-tmiem tiegħu). Wasal il-ħin biex inħalluhom. Għal xi ħin sibt ruħi waħdi nħares fil-vojt, naħseb u ngħid f'qalbi, "Imma kif dan is-salib hekk tqil jista' jinbidel f'salib glorjuż permezz ta' Kristu?" Ftit tal-ħin wara, ġie bilqegħda ħdejja, fuq biċċa ġebla, raġel lebbruż u bil-krozzi u beda jurini idejh sfigurati u qisu jitlobni ħniena. Naħseb kellu deni mhux ħażin, għax kien jaħraq nar. Kulma għidtlu kien, "courage, my dear brother". Il-verità hi li jħalluk bla kliem!

X'dieqa kienet qabditni meta niftakar x'ġawhar ħallejna warajna! Niftakar kont ġejt Malta b'saħħa barranija fuqi. O x'differenza milli tara, taqra jew tisma'għal li tgħix jew idduq xi ftit mis-salib! Kemm ħariġli talb mill-qalb għall-bżonnijiet tagħhom u ta' min idur bihom!

Illum nistqarr ngħid li nħossni xxurtjata u mimlijja rikkezzi, grazzi lill-Mulej, ta' dawn l-esperjenzi mill-aqwa, u li ma ninsihom qatt, anzi li qegħdin ippakkjati fil-ħażna ta' moħħi ma' bosta esperjenzi oħra volontarji missjunarji.

*Vivienne Vella kienet Senior Nursing Officer fl-Isptar San Luqa, wara li fil-bidu tal-karriera tagħha ħadmet għal xi snin fl-Isptar King George V (K.G.V.), illum Sir Paul Boffa.

## ITTRA MILL-MEDICAL MISSIONARIES OF MARY

Dear Dr. Galea,

(Order of Charity)

Your kind letter and cheque of €5,000 addressed to Sister Maria Gonzaga arrived safely here in Dublin. Thank you very much and know that we appreciate it and it will make a difference to the lives of those suffering from Leprosy. I contacted Sister Maria who is in Kenya and on her request the funds are allocated to Abakaliki Leprosy Settlement in Nigeria. So you can expect information/reports from them for your kind donors. It is amazing that they are still finding new Leprosy patients when they go out to clinics in rural areas. Some years ago it was mostly the burnt out cases that they were seeing.

With renewed thanks for your generous donation and I just remember a quote from Pope Francis "to change the world we must be good to those who cannot repay us." Thanks for changing the world for so many needy Leprosy patients.

Sister Brenda Ryan MMM

Bursar.

MEDICAL MISSIONARIES of MARY



**Raoul Follereau Foundation [Malta]**

Order of Charity,
Catholic Institute,
Floriana - Malta

E-mail: tcutajar36@gmail.com
http://stlazarusmalta.org/aff_OoC.html

*Help us help fight the scourge of leprosy*

**The Raoul Follereau Foundation [Malta] - Order of Charity is a non-profit organisation set up in Malta in 1967 with the goal of collecting monetary support for the assistance of lepers throughout the World. It forms part of the international Raoul Follereau Foundation established in 1946 by the world famous anthropologist who died in 1977. The main aims of the Foundation are:**

- **to encourage social help to those suffering from leprosy;**
- **to ascertain that these people are treated as they should;**
- **to help lepers find their place in society;**
- **to give financial help to leprosaria and missions working with them.**



Raoul Follereau

## Kif tista int tghin ix-xoghol tal-Ordni tal-Karitá

- Billi issir membru tal-għaqda—dan jiswa biss is-somma ta' €10 fis-sena. Li tkun membru jfisser li tircevi in-newsletter regolari b'mod elektroniku jew pubblikata.
- Billi tagħti donazzjoni b'kull ammont li tixtieq int. Sintendi kull donazzjoni tigi rikonnoxuta b'ircevuta
- Billi tixtri il-ktieb *Il-Patri Lebbruż* li jippreżenta storja ta' kuraġġ , dedikażżjoni u qlubija tal-qaddis li gie ddikjarat il-patrun tal-presuni morda bil-lebbra.Il-Patri Lebbruz Damjan ta' Molokai kien mar jaħdem f'kolonja tal-lebbruzi abbandunati minn kulħadd. Ġħalihom kien sacerdot, tabib, bennej, mexxej, ħabib, missier. Fi ftit kliem kien l-għajn tas-salvazzjoni u t-tama tagħhom. Jum fost l-oħrajn, beda l-omelija tiegħu bil-kliem: "Ġħeziez ħuti lebbruzi..." biex hekk qasam mal-kompatrijotti tiegħu fuq il-Ġzira ta' Molokaj, l-aħbar li hu wkoll kien ittieħed mill-marda. Miet ta' 49 sena. Huwa u gie ddikjarat qaddis sitt snin ilu mill-Papa Beneditttu XVI. Il-Ktieb jinbiegħ €6.50 biss inkluss il-posta. Ibgħat cekk ta' €6.50 pagabbli lill-Ordni tal-Karita.




# Offerta mill-qalb

Jiena ________________________ Nru tal-ID __________ li noqgħod

______________________________________ Kodiċi Postali ________,

Email: ______________________________________________

⇒ qed nibgħat ċekk nru _______ bhala donazzjoni bis-somma ta':

€5 ☐ €10 ☐ €15 ☐ €20 ☐ €25 ☐ donazzjoni libera €___

⇒ Nixtieq insir membru tal-Ordni tal-Karitá u nibdha nircevi in-newsletter regolarment….€10 ☐

⇒ Lest nircevi in-newsletter b'moghod elektroniku………...☐

⇒ Nippreferi in-newsletter pubblikata……………………...☐

⇒ Nixtieq nixtri il-ktieb Il-Patri Lebbruz…………………………………...….€6.50 ☐